L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# Skema tal-Marki

ĊES Il-Malti

**Sessjoni Prinċipali 2025**

L-iskemi tal-marki ppubblikati mill-Bord tal-MATSEC mhumiex intenzjonati li jkunu dokumenti awtonomi. Huma riżorsa essenzjali għal min jikkoreġi, li wara dawn jiġu mmonitorjati permezz ta' proċess ta' verifika sabiex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tal-iskemi tkun waħda konsistenti u preċiża.

Fil-każ ta' skemi tal-marki li jkunu jinkludu tweġibiet jew spjegazzjonjiet mudell, għandu jiġi nnutat li dawn mhumiex maħsuba biex ikunu limitati skont it-tweġibiet mogħtija. Jistgħu jkunu aċċettabbli wkoll varjazzjonijiet u alternattivi. L-eżaminaturi għandhom jikkunsidraw it-tweġibiet kollha fuq il-mertu tagħhom, u f'każ ta' dubju jridu jkunu kkonsultaw mal-Bord tal-MATSEC.

## A. L- L-EWWEL KARTA

### Livell 1-2-3

#### Taqsima A: Is-Smigħ

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġiba | Il-marki | Il-kummenti |
|---|---|---|---|
| **Livell 1 30%** | | **6** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ. |
| 1. | b. tieħu gost bl-istejjer. | 1 | |
| 2. | a. udjenza ħajja, storbjuża u tipparteċipa kontinwament. | 1 | |
| 3. | ċ, b, d, a (marka għal kull waħda) | 4 | |
| **Livell 2 30%** | | **6** | |
| 4. | a. Għax kien jgħidlu li ser jixtrilu biċċa ċikkulata imma din dejjem tkun sħiħa.<br>b. Il-bidu sagru biex jifhmu s-suġġett tar-reċta u min huma l-karattri. | 2<br>1 | |
| 5. | a. ikomplu mal-udjenza billi jwieġbu lura lil min iwaqqafhom/jinsultahom.<br>b. Waħda minn dawn: bl-għajjat, l-issuttar ta' biċċiet tal-ikel u ż-żufjett. | 1<br>2 | |
| **Livell 3 40%** | | **8** | Ma jitnaqqsux marki għal żbalji tal-ortografija.<br><br>Fejn ikun il-każ, aċċetta tweġibiet differenti minn dawk mogħtija, imma li jkunu jaqblu mas-sens tal-mistoqsija u li jkunu mit-test mistħarreġ. |
| 6. | a. Veru, għax jekk jiżbalja jew ma jogħġobx lill-udjenza malajr jinsulentawh u jwaqqgħuh għaċ-ċajt.<br>b. Falz, għax sema' bit-teatru tal-Belt l-iskola mingħand l-għalliem tiegħu.<br>ċ. Veru, għax qal lill-għalliem li hu jmur it-teatrin għax ħaseb li hu l-istess bħat-teatru.<br>d. Veru, għax ħadha bi kbira u għamel għat-tifel u qallu li t-teatru u t-teatrin ma jitqabblux.<br><br>(Il-marka tingħata jekk ir-raġuni tkun tajba.) | 1<br>1<br>1<br>1 | |
| 7. | a. Persuna li ġġib ruħha kif jidhrilha bla ma tqis u tirrispetta lil ħadd, aktarx storbjuża u bla edukazzjoni, manjieri jew etikett.<br>b. Li t-teatrin kien għan-nies sempliċi tal-irħula, foqra u bi ftit li xejn skola; filwaqt li dak tal-Belt, it-teatru, kien għas-sinjuri, il-puliti u l-edukati fl-iskola. | 1<br>1 | |
| 8. | Waħda minn dawn: Jurina d-divertiment sempliċi u rħis tal-poplu; in-nuqqas ta' edukazzjoni u tolleranza; ftit li xejn rispett lejn l-artisti dilettanti; innoċenza tat-tfal/l-awtur u s-sempliċità tal-omm. | 2 | |

## Taqsima B : Il-Kitba

*Il-Komponiment* **(20 marka)**

Il-kriterji tal-ġeneri magħżula

1. **Ir-rakkont fittizju** huwa kitba mżewqa bl-immaġinazzjoni, fejn il-kittieb se jkun aktar liberu u kreattiv.

Ir-rakkont għandu jkun maqsum f'paragrafi.

L-introduzzjoni trid tiġbed l-attenzjoni tal-qarrej filwaqt li l-konklużjoni trid tagħlaq l-istorja.

Id-deskrizzjonijiet ħajjin tal-karattri, tal-ambjentazzjoni (il-post, iż-żmien u s-soċjetà) u s-sitwazzjonijiet iridu jinsiltu mid-dinja immaġinattiva.

Irid ikun hemm nisġa/plott li t/jagħmel sens.

Għalkemm il-kittieb jista' jkun kreattiv, ma jridx jitlef lill-qarrej fir-rakkont imma għandu jżommu interessat u fuq ix-xwiek.

Jinkiteb fl-ewwel jew fit-tielet persuna fl-imperfett jew fil-perfett.

2. **L-artiklu ta' opinjoni** huwa kitba bbażata fuq l-opinjonijiet personali dwar suġġett partikolari bl-għan li jagħti vuċi lil kull min jaqbel miegħu. Dan jinkiteb minn artikolista f'gazzetta jew rivista.

It-titlu jrid iqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett.

Taħt it-titlu għandu jkun hemm l-isem fittizju mogħti tal-artikolista.

L-introduzzjoni trid titkellem dwar is-suġġett b'mod ġenerali u t-ton irid jittrażmetti l-entużjażmu tal-artikolista.

L-iżvilupp jippreżenta l-opinjonijiet b'mod loġiku u sekwenzjali, fid-dawl ta' ħsibijiet opposti.

L-artiklu ta' opinjoni jinqasam f'paragrafi u jista' jinkiteb fl-ewwel persuna imperfett u fit-tielet persuna fl-imperfett.

Il-konklużjoni trid issaħħaħ l-opinjoni ewlenija tal-artikolista.

3. **L-ittra informali** tinkiteb lil xi ħadd li għandek kunfidenza miegħu, ngħidu aħna membru tal-familja jew ħabib.

Jinkiteb l-indirizz ta' min qiegħed jikteb fuq ix-xellug u tinkiteb id-data taħtu.

Fit-tislima niktbu Għażiż/a u jitniżżel l-ewwel isem.

L-ittra trid tinkiteb f'paragrafi u fl-aħħar ikun hemm it-tislija u l-isem u ta' min qed jikteb.

4. **L-intervista** tinkiteb f'format ta' mistoqsija u tweġiba. L-għan tal-intervista huwa li tipprovdi tagħrif lill-qarrej dwar is-suġġett/sitwazzjoni/personaġġ li fuqu tkun l-intervista. Barra minn hekk, il-kwalità tal-intervista titkejjel b'kemm jirnexxilha tindirizza l-informazzjoni li jixtieq jikseb il-qarrej/semmiegħ.

L-intervistatur se jkun qed jidher bħala M (għal mistoqsija) u min qed jiġi intervistat se jkun qed jidher taħt T (għal tweġiba).

Wara l-ittri għandhom isiru ż-żewġ punti.

Min se jintervista għandu jkun infurmat fuq dak li ħa jsaqsi u t-ton użat waqt l-intervista jrid ikun wieħed formali.

Trid ssir introduzzjoni mill-intervistatur dwar persuna/sitwazzjoni/suġġett qabel jidħol għall-mistoqsijiet u għandu jkun hemm taħlita ta' mistoqsijiet magħluqa u miftuħa li jorbtu mal-għan tal-intervista.

Għall-mistoqsijiet magħluqa għandha tintalab raġuni.

L-intervistatur għandu jsaqsi l-mistoqsijiet b'ordni loġika u t-tweġibiet kollha li tagħti l-persuna intervistata jridu jkunu diretti.

L-intervistatur jista' jagħti reazzjoni għal dak li ġie mwieġeb fil-parti tal-mistoqsija li jmiss.

L-intervista tispiċċa b'konklużjoni biex l-intervistatur juri l-għeluq tagħha.

## Taqsima Ċ: Il-Qari

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | Livell 1<br>6 marki | Livell 2<br>6 marki | Livell 3<br>8 marki |
|---|---|---|---|---|
| 1. | a. veġetarjana/jekk niklux laħam jew le.<br>b. il-ħxejjex. | 1<br>1 | | |
| 2. | a. programm/kredu/twemmin<br>b. l-aqwa u l-aħjar post li tista' tgħix fih/post bla problemi u mard. | 1<br>1 | | |
| 3. | a. ma jaqbel xejn<br>b. taħdita | 1<br>1 | | |
| 4. | Għax zijuh għex ħajja twila minkejja li kien jiekol ħafna laħam u ftit li xejn ħaxix. | | 2 | |
| 5. | Lill-qarrej/pubbliku biex jurih il-qerq tal-veġetarjani u li d-dieta tagħhom hija gidba sħiħa. | | 2 | |
| 6. | Li minkejja li l-veġetarjani ma jridux joqtlu bhejjem, xorta skont l-awtur, huma ħatja tal-qtil tal-ħxejjex, li huma ħajjin ukoll u jsofru bħal kulħadd. | | 2 | |
| 7. | Taparsi jqishom bħala ħbieb għeżież imma jattakka bl-aħrax l-ideat tagħhom. **Żewġ** eżempji minn dawn:<br>i) zijuh Tumas li jsejjaħlu karnivoru aktar minn T.Rex u għex ħajja twila;<br>ii) li bil-manifest tagħhom se jsolvu l-problemi kbar tad-dinja fejn il-mard jogħsfor, il-ħajja titwal u jonqsu l-problemi tas-saħħa;<br>iii) isejħilhom għeżież ta' qalbi meta jattakkahom bla ħniena;<br>iv) meta jurihom bħala ipokriti għax qalbhom treqq meta jqaxxru gamblu żgħir imma jqaċċtu bl-addoċċ u jimmassakraw il-qxur tal-ħxejjex;<br>v) jispjega fid-dettall il-martirju taz-zunnarija mill-għalqa sal-platt. | | | 2 marki fuq l-ispjega dwar it-ton u 2 marki għall-eżempji (marka għal kull eżempju) |
| 8. | Punti ewlenin li jridu jissemmew:<br>1. l-argument ewlieni tal-veġetarjani biex ma jinqatlux bhejjem.<br>2. l-argument taz-ziju tal-awtur li waqqa' t-teorija kollha tal-veġetarjani.<br>3. il-fatt li l-awtur iqis il-ħxejjex bħala ħajjin li jħossu u jbatu xorta minkejja li ma jidhrux.<br>4. l-ipokrezija tal-veġetarjani li jitħassru l-annimali u ma jitħassrux il-ħxejjex. | | | Marka għal kull punt (4) |
| | **Total:** | **6** | **6** | **8** |

## Taqsima D: Il-Metalingwa

### *Il-Morfoloġija*

**Eżerċizzju A**: **Agħżel it-tajba**

| Numru | Tweġibiet | 10 marki |
|---|---|---|
| 1. | ċ. ikreh minn | Marka kull waħda. |
| 2. | a. riċikl | |
| 3. | d. N-D-J | |
| 4. | ċ. mija u żewġt iqtates | |
| 5. | a. astratt | |
| 6. | ċ. imperattiv | |
| 7. | a. Ilbieraħ | |
| 8. | b. personali | |
| 9. | d. fid-disa' forma | |
| 10. | b. waħda | |

### *L-Ortografija*

**Eżerċizzju B**: **Sib l-iżball u iktbu tajjeb**

| Numru | Tweġibiet | | 10 marki |
|---|---|---|---|
| 1. | Alla ħares | allaħares | 2 marki kull tweġiba; marka għall-għarfien tal-iżball u oħra għall-kitba tajba tiegħu. |
| 2. | waranofsinhar | wara nofsinhar | |
| 3. | uċuħ | wċuħ | |
| 4. | nofsiegħa | nofs siegħa | |
| 5. | m'humiex | mhumiex | |

## Taqsima E: Il-Letteratura:

**Referenza f'Kuntest – *Hemm Art fil-Folja***

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | Livell 1 30% marki | Livell 2 30% marki | Livell 3 40% marki |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Moderna | 2 marki | | |
| 2. | Iż-żmien tat-tfulija/It-tifkiriet tat-tfulija. | 2 marki | | |
| 3. | L-istrofi, il-versi u r-rima huma ħielsa. | 2 marki | | |
| 4. | Sabiex turina kemm it-tfulija huwa żmien sabiħ fejn ikollna l-għożża u l-protezzjoni, li ladarba nikbru nitilfuhom. | | 3 marki | |
| 5. | Permezz tal-aħħar strofa, Lilian Sciberras tgħin lill-qarrejja jħossu l-kuntrast bejn il-fiżiku u l-astratt, il-memorji fuq livell fiżiku u l-memorji fuq livell mentali.<br>Il-memorji li jġibu ittra jew ritratt, u l-memorji li xorta waħda minkejja l-ittra u r-ritratt jibdew jiċparu mill-moħħ. | | 3 marki | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Il-moħħ jiġi megħjun bl-oġġetti fiżiċi iżda xorta ma jistax iġib lura dak li kien u saħanistra lanqas il-memorja ma tista' tibqa' daqshekk b'saħħitha.<br><br>Tweġibiet simili jiġu aċċettati. | | | |
| 6. | It-tifkiriet bħal ħjut tad-deheb. Il-ħajta hija xi ħaġa rqiqa ħafna magħmula minn materjal li jiġi rfinut u hekk il-memorji, huma ħafna u issa li l-aħwa bdew jonqsu, għadhom hemm miġmugħin bħal f'ħajta. Il-ħajta hija tad-deheb għaliex dawn il-memorji huma imprezzabbli. Is-snin dehbija mhuma xejn ħlief is-snin sbieħ tat-tfulija li issa saru biss tifkiriet sbieħ.<br><br>Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens u agħti l-marka skont iċ-ċarezza tal-ħsieb u l-ispjegazzjoni. | | | 3 marki |
| 7. | Din it-tweġiba tirrikjedi l-analiżi, u għalhekk il-marka għandha tingħata skont iċ-ċarezza u l-kontenut relevanti tar-risposta.<br>Dwar l-esperjenzi personali, jekk jorbtu mal-ħsieb ewlieni tal-poeżija, għandhom jiġu aċċettati bħala tajbin.<br><br>Eċċellenti – 5 marki<br>Tajba ħafna – 4 marki<br>Tajba – 3 marki<br>Mhux ħażin – 2 marki<br>Batuta – marka<br>Batuta ħafna jew ma saritx – 0 | | | 5 marki |
| | **Total:** | **6** | **6** | **8** |

**JEW**

## Taqsima E: Il-Letteratura:

**Referenza f'Kuntest – *Bejn Ħaltejn***

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | Livell 1 30% marki | Livell 2 30% marki | Livell 3 40% marki |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Il-ġirja tal-bniedem kontra ż-żmien akkost li jitlef il-valuri.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | 2 marki | | |
| 2. | Kull vers fejn il-ħarruba hija ppersonifikata huwa tajjeb. | 2 marki | | |
| 3. | Il-metrika:<br>Il-poeżija hija magħmula minn 2 strofi (marka). Il-versi u r-rima huma ħielsa wkoll (marka). | 2 marki | | |
| 4. | Sabiex jurina l-ambjent naturali seren għax 'il bogħod mill-ħajja mgħaġġla tal-belt. Jgħin sabiex joħroġ aktar | | 3 marki | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | il-kuntrast bejn il-ħajja serena qalb in-natura u l-ħajja mgħaġġla u artifiċjali li jgħix il-bniedem.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | | | |
| 5. | Hemm kuntrast bejn ir-ritmu kajman tal-ewwel strofa u r-ritmu mgħaġġel tat-tieni strofa. Dan jaqbel ħafna mal-mod kif il-bniedem kontinwament bla sabar f'kull ħaġa li jagħmel, filwaqt li l-ambjent jagħti sens ta' kalmezza u serħan.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | | 3 marki | |
| 6. | Huma mistoqsijiet rettoriċi/mistoqsijiet li mhux se jkollhom tweġiba (marka).<br><br>Lill-qarrej iħalluh jaħseb u jirrifletti dwar il-ħajja li qed jgħix. (2 marki)<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | | | 3 marki |
| 7. | Din it-tweġiba tirrikjedi l-analiżi, u għalhekk il-marka għandha tingħata skont iċ-ċarezza u l-kontenut relevanti tar-risposta.<br><br>Dwar l-esperjenzi personali, jekk jorbtu mal-mod kif jaħsibha l-poeta, għandhom jiġu aċċettati bħala tajbin.<br><br>Eċċellenti – 5 marki<br>Tajba ħafna – 4 marki<br>Tajba – 3 marki<br>Mhux ħażin – 2 marki<br>Batuta – marka<br>Batuta ħafna jew ma saritx – 0 | | | 5 marki |

## B. IT-TIENI KARTA

## Livell 1-2

### Taqsima A – Il-Kitba

*Il-Komponiment* **(22 marka)**

Il-kriterji tal-ġeneri magħżula

1. **Id-Djalogu**

Importanti li d-djalogu jinbeda b'introduzzjoni. Dan għaliex tgħin lill-qarrej jifhem aħjar il-kuntest li fih qed isir dan il-ġeneru;
Ikteb l-isem ta' wieħed mill-karattri li jkun se jibda jitkellem u wara ismu agħmel żewġ punti (:). Wara ż-żewġ punti ibda ikteb id-diskors dirett li se jgħid il-kelliem. Qis li meta taqleb għal kelliem ġdid, tibda linja ġdida, u rrepeti l-istess proċess;

| |
|---|
| Jekk id-djalogu jkun parti minn kitba fit-tul, dan irid isir bl-użu tal-virgoletti u sinjali oħra tal-punteġġjatura li jkun hemm bżonn f'diskors dirett;<br>Id-djalogu jispiċċa b'konklużjoni biex jintwera li l-konverżazzjoni ntemmet. |
| 2. **L-Ittra elettronika**<br><br>Tinkiteb l-informazzjoni t'hawn taħt;<br>Lil: L-indirizz elettroniku ta' min se jirċievi l-ittra<br>Mingħand: L-indirizz elettroniku ta' min qed jikteb<br>Data: Eż. Id-19 ta' Mejju 2021<br>Suġġett: Is-suġġett li jagħti idea dwar xiex inhi l-ittra<br>.........................................................................................................................<br>.........................................................................................................................<br>.........................................................................................................................<br>Tinkiteb it-tislima skont il-kuntest tal-ittra (formali jew informali);<br>L-ittra elettronika trid tinqasam f'paragrafi u t-tislija ssir skont il-kuntest tal-ittra (formali jew informali). |
| 3. **L-Artiklu Argumentattiv**<br><br>It-titlu jrid iqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;<br>Taħt it-titlu għandu jkun hemm l-isem fittizju mogħti tal-artikolista u l-introduzzjoni trid titkellem dwar is-suġġett b'mod ġenerali;<br>It-ton irid ikun kalm, formali, raġunat u persważiv;<br>L-iżvilupp jippreżenta l-argumenti b'mod loġiku u sekwenzjali, fid-dawl ta' argumenti opposti;<br>L-artiklu jinqasam f'paragrafi u jista' jinkiteb fl-ewwel persuna imperfett u fit-tielet persuna fl-imperfett;<br>Il-konklużjoni għandha tagħti l-opinjoni tiegħek dwar is-suġġett. |
| 4. **It-Taħdita**<br><br>Tinkiteb b'Malti mexxej b'tali mod li l-persuna qiegħda titkellem mal-udjenza;<br>Wieħed irid iżomm f'moħħu t-tul ta' ħin stipulat u ġeneralment taħdita tkun iffukata fuq suġġett wieħed partikolari;<br>L-introduzzjoni għandha tinkludi tislima, filwaqt li l-konklużjoni tinkludi ringrazzjament u dan il-ġeneru jista' jinqasam f'paragrafi skont il-ħtieġa. |

## Taqsima B – Il-Qari

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | Livell 1 9 marki | Livell 2 13-il marka |
|---|---|---|---|
| 1. | i. is-sajf.<br>ii. qaddis jew qaddisa. | 2 marki | |
| 2. | **Tlieta** minn dawn:<br>knisja, tiżjin, armar, bandalori, misraħ, murtali, folla. | 3 marki | |
| 3. | a. pjazza (2 marki)<br>b. toħroġ/tidher (2 marki) | 4 marki | |
| 4. | Tnejn minn kull sens: | | 3 marki |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Naraw – statwi, ilwien, murtali, knisja tixgħel (aċċetta tweġibiet oħra li jissemmew fis-silta).<br>Nisimgħu – daqq tal-qniepen, ċapċip tal-folla, banda, briju.<br>Inxommu – riħa ta' porvli, riħa ta' qali u ta' ikel. | | (marka għal kull sens. Jekk waħda ma tkunx tajba, tintilef il-marka kollha.) |
| 5. | Fil-festa l-familja Maltija tingħaqad u tiltaqa'. | | 2 marki |
| 6. | Involviment fl-għaqdiet tal-armar, fit-tagħlim mużikali tal-każini tal-banda, fil-preparazzjoni u l-manifattura tal-logħob tan-nar. | | 3 marki (marka għal kull waħda) |
| 7. | Għaliex saret parti mill-identità u l-kultura tagħna.<br><br>Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens skont dak li hemm fis-silta. | | 2 marki |
| 8. | a. Għaliex hija unika, u saret dak li hi illum bis-saħħa ta' missirijietna/tal-ġenerazzjonijiet ta' qabilna.<br>b. Tweġibiet varji li jagħmlu sens.<br><br>Aċċetta tweġibiet varji li jagħmlu sens skont dak li hemm fis-silta. | | marka<br><br>2 marki |
| | **Total:** | **9** | **13** |

## Taqsima Ċ – Il-Metalingwa

### *Il-Morfoloġija*

**Eżerċizzju A**: **Imla l-vojt skont il-kuntest.**

| Numru | Tweġibiet | 12-il marka |
|---|---|---|
| 1. | mċajpra | marka |
| 2. | qtigħ | marka |
| 3. | jaħkmu | marka |
| 4. | idawwar | marka |
| 5. | maħkuma | marka |
| 6. | iddakkru | marka |
| 7. | tliet | marka |
| 8. | seta' | marka |
| 9. | fommhom | marka |
| 10. | qalbhom | marka |

| | | |
|---|---|---|
| 11. | instemgħet | marka |
| 12. | l-eqreb | marka |

*Is-Semantika*

**Eżerċizzju B**: **Aqta' linja taħt il-kelma t-tajba li toqgħod fil-kuntest**

| Numru | Tweġibiet | 10 marki |
|---|---|---|
| 1. | għadha | Marka għal kull waħda. |
| 2. | xahar | |
| 3. | sengħa | |
| 4. | dahar | |
| 5. | kolla | |
| 6. | kas | |
| 7. | agħar | |
| 8. | sema' | |
| 9. | Qgħadt | |
| 10. | telgħa | |

## Taqsima D - Letteratura

| In-numru tal-mistoqsija | Test Mhux Imħejji: It-tweġibiet | Livell 1 40% | Livell 2 60% |
|---|---|---|---|
| 1. | a. L-Għadira<br>b. Raha lit-tfajla tixxemmex l-Għadira u kien il-mument fejn laqtitu u ħass xi ħaġa għaliha. | marka | 2 marki |
| 2. | a. fl-imgħoddi/fl-antik/fil-passat.<br>b. Il-kandidat jispjega aspetti personali mal-mod kif kienu jqattgħu żgħożithom iż-żgħażagħ fis-silta.<br><br>It-tweġibiet jistgħu jkunu varji. | marka | marka |
| 3. | a. jċekċek<br>b. jaħdem/imidd idu fuq xi ħaġa żgħira | marka | marka |
| 4. | a. personifikazzjoni<br>b. Tenfasizza kemm l-irġiel mill-fażi tal-adultezza se jgħaddu għall-fażi tax-xjuħija/tal-mewt.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili. | marka | 2 marki |

| In-numru tal-mistoqsija | Il-Komponiment Letterarju: *Hemm Art fil-Folja* | Il-kummenti |
|---|---|---|
| 1. | *Ħuta*:<br>relazzjoni ta' mħabba;<br>relazzjoni passata li diġà għaddiet minnha;<br>relazzjoni ta' tbatija u li kellha konsegwenzi koroh.<br><br>*Ħbiebi*:<br>relazzjoni ta' ħbiberija mal-ħlejjaq tan-natura u mal-bniedem;<br>relazzjoni dejjiema;<br>il-ħlejjaq naturali huma l-veru ħbieb għax qatt ma ttradewh ħlief il-bniedem. | Dawn huma biss linji gwida. Ikkunsidra perspettivi diversi, li jikkonformaw mal-kriterji tal-assessjar. |
| 2. | *Għar Dalam*:<br>titqajjem kuxjenza dwar l-identità Nazzjonali Maltija;<br>iħeġġeġ liż-żgħażagħ jiskopru iktar dwar pajjiżhom u japprezzaw il-wirt nazzjonali.<br><br>*Nazju Ellul*:<br>l-għaqda u l-qlubija tal-Maltin fi żmien l-għawġ;<br>ir-relazzjoni tal-Maltin mal-Franċiżi ma kinitx tajba għax każbru t-twemmin tal-Maltin. | |

**JEW**

| In-numru tal-mistoqsija | Il-Komponiment Letterarju: *Bejn Ħaltejn* | Il-kummenti |
|---|---|---|
| 1. | *Xtara l-Ħut fil-Baħar*:<br>kandidat biex jirrappreżenta r-raħal tiegħu;<br>iwiegħed ħafna u lil kulħadd;<br>mass meeting u ritratt uffiċjali għall-elezzjoni;<br>l-hekk imsejħa ħbieb li japprofittaw ruħhom mill-kandidat.<br><br>*Ċensina*:<br>iħabbat bieb bieb jittallab għall-voti;<br>dejjem bl-istess risposta ripetuta f'ħalqu;<br>naraw il-lat pożittiv - iħoss il-bżonn li ġenwinament jagħti l-għajnuna;<br>politikant li kultant ikun maqtugħ mir-realtajiet soċjali. | Dawn huma biss linji gwida. Ikkunsidra perspettivi diversi, li jikkonformaw mal-kriterji tal-assessjar. |
| 2. | *Refuġjata*:<br>m'għandhiex saqaf fuq rasha (mara tat-tined);<br>l-esperjenzi koroh tal-imgħoddi;<br>tilfet kulma kellha;<br>interrogatorji, torturi, massakri;<br>il-qtigħ il-qalb tal-preżent;<br>tama vaga għall-futur.<br><br>*Bl-Irħis*:<br>is-sinjur ikompli jistagħna billi japprofitta ruħu mill-vulnerabbiltà tal-immigranti;<br>sogru u tbatija biex jaqilgħu l-għajxien tagħhom; | |

| | | |
|---|---|---|
| | il-miżerja fejn kienu joqogħdu;<br>it-tbatija emozzjonali li ġġib magħha meta tkun ittradut minn kollega;<br>fajsal rassenjat u qalbu maqtugħa. | |

## Livell 2-3

### Taqsima A – Il-Kitba

*Il-Komponiment* **(22 marka)**

**Il-kriterji tal-ġeneri magħżula**

| |
|---|
| 1. **Djarju**<br><br>Importanti li fuq ix-xellug, qabel il-kitba nnifisha, jinkitbu d-data tal-ġurnata kif ukoll il-ħin;<br>It-tislima trid tkun hekk: Għażiż Djarju,;<br>Il-kitba ta' djarju għandha tkun maqsuma f'paragrafi u l-kontenut jista' jkun reali jew fittizju;<br>Il-kitba tal-ġurnata tingħalaq b'tislija fuq ix-xellug u d-djarju jrid jinkiteb fl-ewwel persuna fl-imperfett jew fil-perfett. |
| 2. **Rapport**<br><br>It-titlu jrid ikun konċiż li jqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;<br>Taħt it-titlu fuq in-naħa tax-xellug għandhom jinkitbu l-post u d-data sħiħa ta' dakinhar;<br>Ir-rapport għandu jinkiteb fit-tielet persuna singular/plural fil-perfett jew fil-forma passiva u għandu jkun maqsum f'paragrafi;<br>Min qed jirrapporta qatt ma għandu jsemmi l-ħsibijiet jew l-opinjonijiet tiegħu;<br>Fl-aħħar tar-rapport fuq in-naħa tax-xellug għandu jitniżżel l-isem fittizju mogħti ta' min qed jirrapporta. |
| 3. **Taħdita**<br><br>Tinkiteb b'Malti mexxej b'tali mod li l-persuna qiegħda titkellem mal-udjenza;<br>Wieħed irid iżomm f'moħħu t-tul ta' ħin stipulat u ġeneralment taħdita tkun iffukata fuq suġġett wieħed partikolari;<br>L-introduzzjoni għandha tinkludi tislima, filwaqt li l-konklużjoni tinkludi ringrazzjament u dan il-ġeneru jista' jinqasam f'paragrafi skont il-ħtieġa. |
| 4. **Editorjal**<br><br>L-editorjal irid ikollu titlu konċiż li jqajjem kurżità u jagħti ħjiel għas-suġġett;<br>Editorjal kredibbli jkun ibbażat fuq riċerka u fatti;<br>Fl-editorjal għandu jkun hemm l-opinjoni editorjali;<br>L-editorjal jirrifletti fuq il-preżent u jista' jkun hemm referenzi għall-passat. Għalhekk għandu jinkiteb fl-imperfett u jkun maqsum f'paragrafi;<br>Fuq in-naħa t'isfel tal-editorjal fuq ix-xellug għandu jinkiteb L-Editur. |

**Taqsima B – Il-Qari** **(22 marka)**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | Livell 2 9 marki | Livell 3 13-il marka |
|---|---|---|---|
| 1. | Ħwejjeġ użati<br>Ħwejjeġ artiġjanali<br>Ħwejjeġ meħjuta minn disinjaturi famużi.<br><br>Marka għal kull tip li jissemma. | 3 marki (marka għal kull waħda) | |
| 2. | a. Il-ħwejjeġ<br>b. L-ambjent/il-pjaneta li rridu nieħdu ħsieb<br>ċ. Ir-riċiklaġġ/li terġa' tuża<br><br>Aċċetta varjazzjonijiet li jistgħu jagħmlu sens. | 3 marki (marka għal kull waħda) | |
| 3. | Tibdila li ma ssibx oħra bħalha. | 2 marki | |
| 4. | Għaliex minbarra li takkwista xi ħaġa għalik tkun qed takkwista xi ħaġa li tagħtiha ħajja ġdida u tilbisha bil-mod kif tixtieq inti.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | | 2 marki |
| 5. | Għaliex f'dawn il-ħwienet iż-żgħażagħ isibu dik il-biċċa ħwejjeġ li biha jistgħu jesprimu l-personalità tagħhom b'mod kreattiv u oriġinali.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | | 2 marki |
| 6. | Vantaġġi:<br>a. Tista' toħloq tibdila unika bi prezz irħis.<br>b. Vantaġġ ambjentali għaliex il-ħwejjeġ jerġgħu jintużaw u jonqos l-iskart fil-miżbliet.<br>ċ. Jinkoraġġixxi/jinċentiva organizazzjonijiet u negozjanti żgħar sabiex<br>jiftħu ħwienet u jibdew attività kummerċjali. Il-qligħ jibqa' fil-komunità.<br><br>Marka għal kull vantaġġ li jissemma. | | 3 marki |
| 7. | a. lil dak li qed jaqra l-artiklu/il-qarrej.<br>b. sabiex ikun iktar dirett u effettiv, sabiex joħloq iktar interess fil-qarrej li qiegħed jaqra.<br>ċ. Għaliex qed ngħixu fi żmien meta l-pjaneta għandha bżonnha u l-ġenerazzjoni tal-lum tasal biex tifhem dan il-kunċett li għandna nerġgħu nużaw u nnaqqsu l-iskart.<br><br>Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | marka | marka<br><br>2 marki |
| 8. | Iva se tkompli tikber, għax hija tendenza li qed iżżid fil-poporità u issa dan it-tip ta' bejgħ qiegħed isir ukoll online. | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Aċċetta tweġibiet simili li jagħmlu sens. | | 3 marki |
| | **Total:** | **9** | **13** |

## Taqsima Ċ – Il-Metalingwa **(22 marka)**

### *Il-Morfoloġija*

**Eżerċizzju A**: **Imla l-vojt skont il-kuntest.**

| **Numru** | **Tweġibiet** | **12-il marka** |
|---|---|---|
| 1. | mċajpra | marka |
| 2. | qtigħ | marka |
| 3. | jaħkmu | marka |
| 4. | idawwar | marka |
| 5. | maħkuma | marka |
| 6. | iddakkru | marka |
| 7. | tliet | marka |
| 8. | seta’ | marka |
| 9. | fommhom | marka |
| 10. | qalbhom | marka |
| 11. | instemgħet | marka |
| 12. | l-eqreb | marka |

### *Is-Semantika*

**Eżerċizzju B. Aqta’ linja taħt it-tifsira t-tajba.**

| **Numru** | **Tweġibiet** | **10 marki** |
|---|---|---|
| 1. | b. Il-kejk għoġbu ħafna mal-kafè. | Marka għal kull tweġiba tajba. |
| 2. | ċ. Ħasel snienu u libes malajr. | |
| 3. | b. L-eżamijiet ftit kien baqgħalhom biex jaslu. | |
| 4. | a. L-omm irrabjat ma’ Alexia għax daħlet tard. | |
| 5. | b. Jorqod waqt li jkun qed jaqra. | |
| 6. | a. Ma lestiex ix-xogħol. | |

| | | |
|---|---|---|
| 7. | ċ. L-għalliem dam ħafna biex tani l-marki. | |
| 8. | a. Ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel. | |
| 9. | a. Il-ġenituri kienu ta' għajnuna għaliha. | |
| 10. | a. Qabdu sturdament. | |
| 11. | ċ. Mario dawwar id-diskors. | |

## Taqsima D – Letteratura **(22 marka)**

| In-numru tal-mistoqsija | It-tweġibiet | | Livell 2 40% marki | Livell 3 60% marki |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Il-poeta jagħmel hekk sabiex jagħti l-ħajja xejra ta' xi ħaġa sabiħa, ilibbisha karatteristiċi enerġetiċi, sakemm fl-aħħar, ftit ftit, tibda tinża' dan il-ġmiel.<br>Tweġibiet simili għandhom jiġu aċċettati.<br>Waħda minn dawn l-eżempji ta' personifikazzjoni: rajt il-ħajja sbejħa, b'suritha tħoll il-blat, f'għajnejha ħars li jsaħħar. | | 2<br><br>1 | |
| 2. | L-episodji tal-ħajja li huma kontinwi u bla waqfien. | | | 1 |
| 3. | It-ton huwa wieħed pożittiv li juri s-sabiħ kollu tal-ħajja. L-użu tal-verbi fil-poeżija huwa deskrizzjoni ħajja tas-sabiħ fil-ħajja f'ħafna aspetti u bil-bniedem mimli enerġija. Permezz tagħhom, il-poeta qed jgħolli l-profil tal-istess ħajja bil-għan li jinħass sew l-element ta' kuntrast fl-aħħar strofa. | | | 1<br><br>2 |
| 4. | a. Permezz tat-tidwira qed jinħoloq il-kuntrast.<br>b. Il-ħajja, bis-sabiħ kollu tagħha, fiha wkoll l-ikrah tagħha, murija permezz tax-xjuħija fl-aħħar strofa, li eventwalment il-bniedem xi darba jew oħra irid jintemm bil-mewt. | | 1 | <br><br>2 |

| In-numru tal-mistoqsija | Il-Komponiment Letterarju: *Hemm Art fil-Folja* | Il-kummenti |
|---|---|---|
| 1. | It-tema tal-vjaġġ:<br>*Il-Ktieb*:<br>Il-ktieb li jissimbolizza l-vjaġġ tal-ħajja:<br>il-vjaġġ jibda mit-twelid bit-triq imħejjija mill-omm ("Malli titla' sewwa x-xemx ibda miexi bejn il-folji tal-ktieb qadim li ommok tatek");<br>vjaġġ mimli tlajja' u nżul, l-esperjenzi tal-ħajja ("itla' l-għoljiet aqsam ix-xmajjar"); | |

| | | |
|---|---|---|
| | wieħed jiltaqa' mal-baħar li wkoll jirrappreżenta diffikultajiet u ostakli ibsin;<br>imma dejjem hemm it-tama għax "...hemm art fil-folja li ser taqleb hekk kif tkun ġejja mewġa";<br>l-omm tħejji l-vjaġġ tal-ħajja lill-wild bl-aħjar mod possibbli ("sehem inkun fit-tarf tal-blat bil-ħobż u l-ilma./Se nkun qed nistenniek biex nagħtik merħba");<br>l-omm li tieħu ħsieb il-wild waqt il-vjaġġ ta' ħajtu ("ħa niżirgħu dix-xitla, ħa nsaqquha");<br>il-vjaġġ li jilħaq il-milja tiegħu hekk kif minn żerriegħa, ix-xitla ssir siġra, qabel mal-mewt ittemmu ("qabel nagħlqu il-ktieb").<br><br>*Din Gżira Niexfa*:<br><br>il-vjaġġ li l-immigranti irregolari jgħaddu minnu - vjaġġ kiefer, vjaġġ ta' sfruttament;<br>vjaġġ mimli riskji, li d-dgħajsa li fuqha jagħmlu dan il-vjaġġ ma jirnexxilhiex tasal ("...dgħajsa tigref l-ikħal tal-Mediterran");<br>l-immigranta, li tirrappreżenta lill-immigranti kollha, tgħaddi minn dan il-vjaġġ bil-minimu possibbli ("loqma ħobż");<br>anki hawn naraw li l-immigranta tisfolja il-folji tal-vjaġġ ta' ħajjitha, ikkaratterizzati minn esperjenzi koroh ("tisfolja l-iswed");<br>Azzopardi tikkritika lil min ma jaċċettax lil dawn il-persuni wara vjaġġ kiefer għax skonthom Malta hi nieqsa mir-riżorsi addattati ("niexfa") biex tilqagħhom. | Dawn huma biss linji gwida. Ikkunsidra perspettivi diversi, li jikkonformaw mal-kriterji tal-assessjar. |
| 2. | L-element figurattiv biex toħroġ it-tema tal-kunflitt u tal-gwerra:<br>L-allużjoni biblika "il-ġlieda ta' David u Gulija" tissimbolizza lil Malta fi gwerra kontra qawwiet kbar. Turi ċ-ċokon/id-dgħufija ta' Malta kontra l-għadu.<br><br>L-element deskrittiv permezz tas-similitudnijiet u l-metafori.<br>Eżempji:<br>"jaqgħu bħas-suldati tal-karti" (referenza għad-djar);<br>"jidhru daqs tikka";<br>"ikunu qishom konslu mingħajr arma";<br>"xufftejn bojod bħal silġa".<br><br>L-element deskrittiv permezz tal-metafori:<br>"L-isqra qerrieda" (referenza għall-ajruplani);<br>"il-qawwa f'qalb il-Maltin";<br>"l-għasafar jilħqu jtiru";<br>"binti ma tafx x'inhi dinja". | |

| | | |
|---|---|---|
| | L-użu tas-sineddoke Malta (bħala l-Maltin kollha) li qiegħda tikteb paġna oħra fil-ġrajja kbira tagħha. | |

| In-numru tal-mistoqsija | Il-Komponiment Letterarju: *Bejn Ħaltejn* | Il-kummenti |
|---|---|---|
| 1. | *Niftakar:*<br>it-tifkira ta' martu kemm fil-ferħ u kemm fin-niket;<br>it-tnejn joħolmu għal futur sabiħ etern flimkien;<br>il-poeta jibqa' jiftakar f'martu anki wara mewtu – imħabba għal dejjem.<br><br>*Jum San Valentin:*<br>nuqqas ta' mħabba ssimbolizzata permezz tal-metafora ċentrali tal-balla;<br>hemm l-element ta' rabja b'riżultat ta' relazzjoni li marret ħażin;<br>il-poeta tiżvoga l-istat emozzjonali tagħha bl-użu ta' għadd ta' similitudnijiet.<br>Fl-aħħar strofi tindirizza b'mod dirett lil min weġġagħha, li jista' jitqies ukoll bħala sinjal ta' sfida. | Dawn huma biss linji gwida. Ikkunsidra perspettivi diversi, li jikkonformaw mal-kriterji tal-assessjar. |
| 2. | Ružann li żżomm sod mar-rieda tagħha li trabbi lil binha waħedha f'soċjetà li kienet taħsibha mod ieħor.<br>Marija li tidħol fil-ħanut biex issikket lill-irġiel kollha u lil żewġha magħhom.<br>Marija li tagħti l-ordnijiet lil żewġha.<br>Marija li tagħraf l-importanza tal-edukazzjoni ta' wliedha, u tinkoraġġixxi lil binha Pietru fl-iskola.<br>Il-mara li sabet postha fis-soċjetà fejn jittieħdu deċiżjonijiet importanti fil-ħajja ta' kuljum. Salvina li ssir għalliema, Ġina li tipparteċipa fil-ħajja pubblika b'xogħol volontarju, u Luċija li qed tistudja għal tabiba. | |